MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta’ Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 157/2021 LM

**Indoor Creations Limited (C 13825)**
*(‘l-appellanta’)*

***vs.***

**Mathieu Salomon (K.I. nru. 233112L)**
*(‘l-appellat’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Indoor Creations Limited (C 13825)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellanta’] minn deċiżjoni mogħtija fl-24 ta’ Mejju, 2022, [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz

tagħha ddeċieda ir-rikors tagħha fil-konfront tal-intimat **Mathieu Salomon (K.I. nru. 233112L)** [minn issa 'l quddiem "l-appellat"] kif ġej:

*"i. Jiċħad it-talba prinċipali tas-soċjetà attriċi fl-intier tagħha;*

*ii. Jilqa' l-kontro-talba limitatament għall-ammont ta' elf Ewro (€1,000) u jikkundanna lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata sabiex tirrifondi dan l-ammont lill-konvenut rikonvenzjonanti.*

*It-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha marbutin mat-talba prinċipali għandhom jitħallsu mis-soċjetà attriċi filwaqt li l-ispejjeż kollha marbutin mal-kontro-talba għandhom jitħallsu fil-proporzjon ta' żewġ terzi mis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata u terz mill-konvenut rikonvenzjonanti."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-każ odjern jirrigwarda sett purtieri li l-appellat fis-7 ta' Jannar, 2021 kien ordna li jsiru mis-soċjetà appellanta fil-fond tiegħu ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq għall-prezz ta' €4,500. Wara li l-purtieri ġew ikkonsenjati u saħansitra twaħħlu fil-lok fit-13 t'April, 2021, l-appellat ilmenta mas-soċjetà appellanta li x-xogħol kien sar ħażin u għalhekk irrifjuta li jħallas il-bilanċ ta' €1,200 dovut fuq il-prezz lill-imsemmija soċjetà appellanta.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellanta istitwiet dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fit-2 ta' Ġunju, 2021, fejn qalet li l-appellat ma riedx iħallas għax-xogħol li hija kienet eżegwiet fuq ordni tiegħu.

4. L-appellat wieġeb fis-6 ta' Lulju, 2021 fejn eċċepixxa s-segwenti: (i) is-soċjetà appellanta ma kienet dovuta xejn għaliex ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u ma kienx skont il-kwalità pattwita; (ii) is-soċjetà appellanta kienet debitriċi tiegħu; (iii) it-talbiet tas-soċjetà appellanta kellhom jiġu miċħuda stante li dawn kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; (iv) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Flimkien mat-tweġiba tiegħu, l-appellat ippreżenta kontro-talba fil-konfront tas-soċjetà appellanta fejn talab lit-Tribunal sabiex:

*"1. Jiddikjara li x-xogħlijiet mwettqa mis-soċjetà Indoor Creations Ltd ma sarux skont is-sengha u l-arti u mhumiex tal-kwalità pattwita;*

*2. Jikkundanna lis-soċjetà Indoor Creations Ltd. tirrifondi l-flejjes indebitament imħallsa lilha mill-esponent.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax."*

5. Is-soċjetà appellanta wieġbet għall-kontro-talba fit-13 ta' Ottubru, 2021 fejn iddikjarat li l-appellat ma kien dovut l-ebda ammont u kien huwa debitur lejha għax-xogħol eżegwit skont kif pattwit.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*It-Tribunal jirreferi in extenso għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* **Raphael Micallef vs. Anthony Agius** *(deċiża fid-9 ta' Ġunju 2004) u jiċċita s-segwenti bran:*

"Ibda biex, u dan imprexxindibilment minn kwalsiasi kolpa, hu dmir tal-appaltatur, skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, illi dan għandu jassikura li x-xogħol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. B'obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skont is-sengħa" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li "l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte suo, e deve prestare almeno una capacità ordinaria" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374).

Dan stabbilit, "jekk hu jagħmel ix-xogħol ħażin, lanqas ma huwa eskluż mir-responsabilita minħabba li hu jkun qagħad għal dak li ried il-kommittent" (Kollez. Vol. XL P I p 485). Jinkombi fuqu b'dover "di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli alla solidità e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez. Vol. XXV P I p 727). Jinsab fil-fatt dettat illi hu "m'għandux japprofitta ruħu min-negliġenza tal-arkitett u jittrasgredixxi d-dettami tal-arti edilizja" (Kollez. Vol. XLVI P III p 746).

Ġie deċiż ukoll illi "l-appaltatur li jesegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-esekuzzjoni ħażina tax-xogħol; u dan avolja s-sorveljanza ta' dan ix-xogħol ikun hemm perit imqabbad mill-appaltant, jekk il-vizzju tax-xogħol ikun il-lavorazzjoni u mhux fid-direzzjoni tal-perit; u anke jekk il-perit jista' talvolta jkun kolpevoli fis-sorveljanza. In effetti l-perit kolpevoli ta' difett ta' sorveljanza għandu rigress kontra l-appaltatur li jkun ikkommetta vizzji ta' lavorazzjoni." (Kollez. Vol. XXXVII P III p 883).

Dan jikkombaċċja mal-ħsieb anterjorment professat illi "l'impiego di un uomo di scienza a dirigere il lavoro non esime mai l'appaltatore dal prestare quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli è imposto dalla natura del contratto" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374)."

*It-Tribunal iqis li applikabbli għal dan il-każ huwa l-Art. 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Dan jgħid li jekk il-ħaġa mibjugħa ma tkunx tal-kwalità pattwita, ix-xerrej jista' jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew alternattivament jirċievi l-ħaġa bi prezz orħos. Jirriżulta mix-xhieda tal-konvenut (fol. 60) li huwa qiegħed jagħżel li jieħu flusu lura u ser jagħti lura l-purtieri. Iżda min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-purtieri għadhom imwaħħlin f'posthom u għadhom ma ġewx irritornati lis-soċjetà attriċi. Meta wieħed iqis li dan il-każ ilu għaddej minn Ġunju 2021, huwa ċar li l-konvenut kellu ħafna ħin sabiex jagħti lura l-purtieri (jew għallinqas jippreżentahom permezz ta' ċedola ta' depożitu), iżda m'hemmx prova li għamel dan. Fid-dawl ta' dan, huwa ovvju li dan it-Tribunal ma jistax sua sponte jordna lill-konvenut jirritorna l-purtieri. Dan it-*

*Tribunal huwa marbut bil-parametri tal-kawża u jista' biss jilqa' jew jiċħad it-talba prinċipali u jilqa' jew jiċħad il-kontro-talba.*

*Għalhekk, ladarba l-konvenut għadu ma kkonkretizzax l-allegata intenzjoni tiegħu li jeżerċita l-possibilità li jirritorna l-purtieri, jifdal biss it-triq l-oħra – jiġifieri li jirċievi l-ħaġa bi prezz orħos. Effettivament, din hija xi ħaġa li huwa diġà għamel billi rrifjuta li jħallas l-aħħar pagament, li huwa fil-fatt l-ammont li talbet is-soċjetà attriċi fl-Avviż tat-Talba.*

*Huwa notevoli li r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi qatt ma qalu ċar u tond li x-xogħol minnhom magħmul kien skont l-arti u s-sengħa. Huma ffukaw fuq l-attitudni tal-konvenut u fuq l-allegat diżlivell li skonthom kien il-kawża tal-ilmenti tal-konvenut. It-Tribunal jgħid, f'dan l-istadju, li siccome jirriżulta mill-provi li saru żewġ* site visits *– l-ewwel waħda sabiex is-soċjetà attriċi tieħu l-qisien u t-tieni waħda sabiex jitwaħħlu l-purtieri – is-soċjetà attriċi messha ndunat bl-allegat diżlivell fl-ewwel* site visit*. Ma kienx sewwa li tinduna bl-allegat diżlivell biss meta twaħħlu l-purtieri, u mbagħad toffri lill-konvenut li taġġusta l-purtieri. L-affarijiet messhom saru sewwa mill-ewwel. Dan aktar u aktar meta skont Yves Muscat, tal-purtieri jkunu l-aħħar nies fil-fond, jiġifieri persuni li jidħlu wara li kulħadd – inkluż tal-madum u tal-gypsum – ikunu lestew xogħolhom.*

*Għalhekk, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, it-Tribunal jemmen li huwa minnu li s-soċjetà attriċi naqset f'dan ir-rigward.*

*Dwar id-drapp innifsu u l-ħxuna tiegħu, is-soċjetà attriċi ma ppreżentatx provi. Ix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi tittratta biss dak li ġara fir-rigward tat-twaħħil tal-purtieri u l-kwistjoni tal-allegat diżlivell.*

*It-Tribunal huwa konvint, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, li huwa minnu li s-soċjetà attriċi messha ħadet il-qisien sewwa sabiex il-purtieri jsiru sewwa mill-ewwel. It-Tribunal huwa wkoll konvint, anki fin-nuqqas ta' provi għall-kuntrarju, li s-soċjetà attriċi messha tat gwida aħjar dwar l-aħjar drapp għall-purtieri.*

*Madankollu, it-Tribunal ma jemminx li l-konvenut ma ħa assolutament ebda benefiċċju mis-servizzi reżi, u għalhekk, filwaqt li ser jiċħad it-talba prinċipali tas-soċjetà attriċi, mhuwiex ser jakkolji l-kontro-talba fl-intier tagħha."*

## <u>L-Appell</u>

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fl-10 ta' Ġunju, 2022, fejn qegħda titlobha sabiex:

*"1) Tħassar u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward it-talba prinċipali u tgħaddi sabiex minflok tiddikjara u tiddeċiedi li talba talba hija ġusta u għandha tintlaqa', u tordna lill-konvenut illum appellat iħallas l-ammont mitlub bl-ispejjeż u bl-interessi.*

*2) Tħassar u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal fir-rigward il-kontro-talba magħmula mill-appellat Matthieu Solomon u minflok tgħaddi sabiex tiċħad il-kontro-talba bl-ispejjeż kontra l-appellat.*

*Bl-ispejjeż."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (i) it-Tribunal applika ħażin l-artikolu 1390 tal-Kap. 16; u (ii) it-Tribunal applika ħażin l-oneru tal-prova fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

8. L-appellat wieġeb fid-9 ta' Diċembru, 2022 fejn jinsisti li s-sentenza appellata hija ġusta u għaldaqstant timmerita konferma fl-intier tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellat.

10. Is-soċjetà appellanta tispjega li l-ewwel aggravju tagħha huwa li t-Tribunal applika ħażin l-artikolu 1390 tal-Kap. 16. Filwaqt li ċċita d-dispożizzjonijiet tiegħu, irrileva li l-appellat kien naqas milli jitlob lit-Tribunal sabiex jaħtar perit għall-fini ta' stima tax-xogħol sabiex b'hekk seta' ġie stabbilit l-ammont li għandu jew m'għandux iħallas fid-dawl ta' dak allegat minnu. Iżda t-Tribunal xorta waħda ddeċieda li l-appellat kellu jżomm il-purtieri bi prezz orħos minn dak pattwit bejn il-partijiet, anzi agħar minn hekk qagħad fuq l-ammont li l-appellat ddeċieda li għandu jitnaqqas, li kien proprju l-ammont tal-

aħħar pagament li huwa kien irrifjuta li jħallas. Is-soċjetà appellanta tissottometti li b'kull rispett lejn l-appellat u lejn ix-xhieda li huwa pproduċa, ħadd minnhom m'għandu l-għarfien, l-abbiltà jew l-esperjenza neċessarja sabiex jagħmlu l-istima. Is-soċjetà appellanta tgħid, u dan mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha, li jkun ħafna iktar loġiku u għaqli għat-Tribunal li dan jistrieħ fuq l-opinjoni esperta tad-direttur tagħha Yves Muscat li ilu fil-mestier għal dawn l-aħħar tletin sena. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta ssostni li l-oneru tal-prova li l-ħaġa ma kinitx tal-kwalità pattwita, kien jinkombi fuq l-appellat u mhux fuqha. Iżda min-naħa l-oħra l-oneru tal-prova li l-ammont kien għadu dovut, kien jinkombi fuqha. Filwaqt li tiċċita dak li qal it-Tribunal, jiġifieri li *"It-Tribunal huwa wkoll konvint, anki fin-nuqqas ta' provi għall-kuntrarju, li s-soċjetà attrici messha tat gwida aħjar dwar l-aħjar drapp għall-purtieri",* is-soċjetà appellanta tgħid li l-oneru tal-prova li l-oġġett kien tal-kwalità pattwita tqiegħed fuqha, u mhux fuq l-appellat li kien ressaq din l-eċċezzjoni. Tkompli tissottometti li fin-nuqqas ta' prova kuntarja, it-Tribunal kellu japplika l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda,* u b'hekk jilqa' t-talba tagħha, u dan fejn ma kellu l-ebda parir tekniku minn perit kif titlob il-liġi f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni. Għall-kuntrarju ta' dak li kkunsidra t-Tribunal, ir-rappreżentanti tagħha dejjem sostnew b'mod ċar li x-xogħol kien sar skont is-sengħa u l-arti, u hawnhekk hija tgħaddi sabiex tiċċita silta mix-xhieda tad-direttur tagħha Yves Muscat u anki dak li qal l-appellat, li tgħid juri li l-ilment tiegħu kien jirrigwarda kwistjoni mhux daqstant kbira. Tikkontendi li l-problema fil-fatt ġrat wara li l-imsemmi appellat naqas milli jonora il-ftehim ta' bejniethom, u hawnhekk hija għal darb'oħra tagħmel riferiment għal dak li qal l-appellat in kontro-eżami, u dak li qal id-direttur tagħha Yves Muscat.

11. Min-naħa tiegħu l-appellat jissottometti li s-sentenza appellata hija waħda ekwa u ġusta u għandha tiġi kkonfermata. Jibda billi jirrileva li huwa magħruf li qorti tal-appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi jew fatti li jkun għamel tribunal tal-ewwel istanza, sakemm dan ma jkunx manifestament żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu b'mod estrem. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat jirrileva li l-għan tat-Tribunal huwa li jsir iktar enfażi fuq is-sustanza milli fuq il-proċedura, filwaqt li jiġi eliminat il-formaliżmu żejjed. Fil-fehma tiegħu n-nomina ta' perit kienet ser isservi biss sabiex jitwalu l-proċeduri li huwa kontra l-iskop tal-proċeduri quddiem it-Tribunal. Jikkontendi li n-nomina ta' perit issir sabiex tgħin lill-ġudikant jasal għall-ġudizzju tiegħu, iżda ma kienx jidher li fil-każ odjern li kien hemm din il-ħtieġa stante li l-provi huma pjuttost ċari. L-appellat isostni li wara kollox m'hemmx dubju li l-purtieri in kwistjoni ma kienux tal-kwalità pattwita, u kif saħansitra jirriżulta mix-xhieda tiegħu u dik ta' ommu Nathalie Fenech, Isaac Muscat kien ammetta dan u kien offra lill-appellat sabiex jitħallew ġimagħtejn jgħaddu sabiex l-imsemmija purtieri jistrieħu, u jekk ikun hemm il-bżonn imbagħad jitranġaw. L-appellat jikkontendi li x-xogħol tal-*gypsum* kien sar sew u l-livelli ħżiena fil-purtieri kienu riżultat ta' xogħol mhux pattwit u mhux skont is-sengħa li kien evidenti f'diversi kmamar. B'riferiment għax-xhieda ta' Nathalie Fenech, fejn din stqarret li hija kellha tletin sena esperjenza fil-ħjata, l-appellat isostni li Yves Muscat gideb fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Novembru, 2021 fejn qal li din iddikjarat li ma kellha l-ebda esperjenza fis-sengħa tal-ħjata. Jirrileva li t-Tribunal ukoll kellu quddiemu prova ta' xogħol simili ta' purtieri li kienu saru minn ċerta Alison Satariano fl-istess appartament, u għalhekk seta' jagħmel paragun u jagħraf ix-xogħol ħażin tas-soċjetà appellanta. L-appellat

jgħid li għalhekk l-istima ta’ perit kienet biss twassal għall-konferma ta’ dak li ġie ppruvat quddiem it-Tribunal. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat jikkontendi li l-argument tagħha msejjes fuq dak li qal it-Tribunal mhuwiex wieħed fondat stante li huwa kien ġab prova sostanzjali li wriet kemm il-purtieri tassew ma kienux tal-kwalità pattwita fir-rigward tal-ħjata tagħhom. Għalhekk huwa kien issodisfa l-oneru tal-prova tiegħu, u b’hekk imbagħad kien jispetta lis-soċjetà appellanta sabiex tirribatti l-evidenza tiegħu, u hekk fil-fatt kien stqarr it-Tribunal li kien qed itenni obbligu ġenerali li għandhom isegwu soċjetajiet jew indvidwi li joffru ċertu servizzi. Fil-każ odjern u b’riferiment għall-prinċipju *pacta sunt servanda,* jgħid li kienet is-soċjetà appellanta li ma kinitx onorat il-ftehim ta’ bejniethom. Jikkontendi li t-Tribunal ma setax jistrieħ fuq id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tas-soċjetà appellanta, iżda fuq provi li ma jħallu l-ebda dubju. L-appellat jgħid ukoll li diversi drabi t-Tribunal għamilha ċara li huwa kien qiegħed jistrieħ fuq bilanċ ta’ probabilitajiet sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu, u jissottometti li dan il-prinċipju huwa sew stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, partikolarment fil-kamp ċivili. L-appellat ikompli billi jissottometti li s-soċjetà appellanta kienet tenuta iġġib dawk il-provi li permezz tagħhom il-ġudikatur seta’ iwarrab kull dubju, iżda dan hija naqset milli tagħmlu. Jagħlaq billi jgħid li t-Tribunal kien mexa skont l-ekwità għaliex ikkunsidra li huwa kien żamm il-purtieri, u għalhekk laqa’ il-kontro-talba tal-intimat għall-ammont limitat ta’ €1,000, jiġifieri l-bilanċ li kien għad fadal x’jitħallas.

12. Il-Qorti, filwaqt li tikkunsidra li l-appell tas-soċjetà appellanta ma jidhirx li qiegħed isir fil-parametri stabbiliti permezz tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380, tirrileva li stante li l-ammont pretiż minnha ma

jaqbiżx €1,500 neċessarju sabiex skont is-subartikolu 8(3) tal-istess liġi jista' isir appell minn deċiżjoni tat-Tribunal, tiddikjarah inammissibbli u b'hekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell odjern.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**